**15 ta' Frar, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. *Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici* LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Ir-Repubbblika ta' Malta

*versus*

Joseph Desira

## Esplożjoni b'Perikolu tal-Ħajja jew tal-Proprjeta`

*Fir-reat ikkontemplat fl-artikolu 311 tal-Kodiċi Kriminali, mill-kliem "ħajja ta' ħaddieħor" u "ħwejjeġ ħaddieħor", jidher ċar li hu irrilevanti għal-liġi jekk dak il-ħaddieħor kien ko-awtur, kompliċi jew kompletament aljen għall-esplożjoni.*

*Dak li hu relevanti għal-liġi fl-artikolu 311 tal-Kodiċi Kriminali hu li xi ħadd, ikun min ikun, jisfa maqtul jew danneġġjat fi ħwejjġu, stante li hawn si tratta ta' delitt kontra s-Sigurta` Pubblika u ħsarat fil-proprjeta`.*

Il-Qorti:-

Rat id-deċiżjoni ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali ta' l-4 ta' Ottubru, 1993 li minnha appella l-akkużat u li taqra hekk:

"Il-Qorti,

Rat l-att ta' l-akkuża;

Rat in-nota ta' l-akkużat li permezz tagħha:

Eċċepixxa:

In-nullita` ta' l-ewwel kap ta' l-akkuża peress li m'hemmx indikati l-ismijiet tal-persuni magħrufa li huma l-kompliċi u fl-istess waqt jissemma li miet bniedem li la għandu isem u l-anqas identita`;

Illi l-ewwel reat dedott ma jissussistix peress li l-persuna mejta hija anke meta jimtlew l-ismijiet, l-istess allegat ko-awtur tad-delitt;

L-ineżistenza tar-reat dedott fit-tieni kap ta' l-akkuża skond il-fatti dedotti fl-istess, peress li l-post li nħaraq ma jaqax taħt id-definizzjoni tal-liġi li tipprevedi tali reat;

Indika bħala xhieda tiegħu lis-segwenti:

*Omissis*;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali li biha, b'referenza għan-nota ta' Joseph Desira tat-2 ta' Diċembru, 1992 ta avviż ta' l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilita` tax-xhieda indikati mill-istess Joseph Desira, jiġifieri:

Ġuża u Carmela Desira, John Mary Desira, John Spiteri, Victor Falzon, Alfred Marmara, Charles Degiovanni, Anthony Degiovanni, Angelo Scicluna, Grezzju Desira, Francis Bugeja, Francis Spiteri, Francis Fenech, Pawlu Desira, Carmen Camilleri billi minn imkien ma jidher li d-deposizzjoni tagħhom hi jew tista' tkun relevanti għall-meritu tal-każ;

Rat l-atti l-oħrajn relattivi u semgħet it-trattazzjoni ta' l-avukati u kkunsidrat:

Kwantu għall-eċċezzjoni fil-paragrafu 1(a) tan-nota ta' l-akkużat, dik ċjoe` dwar in-nuqqas ta' indikazzjoni fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża ta' l-ismijiet tal-kompliċi u tal-persuna mejta, l-artikolu 589 (c) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li l-att ta' l-akkuża għandu "jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikolaritajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar ... " (sottolinear tal-Qorti);

Kwantu għal din l-eċċezzjoni r-reat dedott fl-ewwel kap huwa kkontemplat fl-artikoli 311 u 312 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn l-artikoli jinsabu taħt is-sub-titolu intestat "Fuq id-delitti kontra s-sigurta` pubblika u fuq ħsarat fil-proprjeta`". Jiġifieri dan ir-reat mhuwiex ikklassifikat mil-liġi bħala wieħed kontra l-persuna. Kif jidher minn eżami ta' l-artikolu 311, il-mewt ta' persuna jew l-offiża tagħha mhijiex element essenzjali tar-reat. L-artikolu 312 jipprovdi għall-ammont tal-piena f'każ li l-kommissjoni tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 311 tikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd. Għal dawn ir-raġunijiet l-indikazzjoni fl-att ta' l-akkuża ta' isem il-persuna mejta mhix essenzjalment meħtieġa bil-liġi. L-isem tal-kompliċi lanqas m'hu meħtieġ;

Fl-eċċezzjoni 1(b) l-akkużat jgħid li l-persuna mejta hija l-istess allegat ko-awtur tad-delitt. Din hija allegazzjoni ta' l-akkużat li tista' tiġi jew ma tiġix issostanzjata fil-provi. In-non-eżistenza o meno tar-reat in kwistjoni għandha tirriżulta mill-provi u mhux deċiża f'dan l-istadju;

Fl-eċċezzjoni 1(c) l-akkużat jgħid, b'referenza għat-tieni reat dedott, li l-post li nħaraq ma jaqax fid-definizzjoni tal-liġi li tipprevedi r-reat. Dina, bħal ta' qabel, hija ċirkostanza li għandha tirriżulta jew ma tirriżultax mill-provi fil-kors tal-kawża;

L-Avukat Ġenerali rtira l-eċċezzjoni tiegħu ta' l-inammissibilita` tax-xhieda indikati mill-akkużat in vista li dan iddikjara l-oġġett tal-prova b'dawk ix-xhieda, ċjoe` biex juri fejn kien l-akkużat fil-ħin ta' l-allegata kommissjoni tar-reat u biex jikkontradixxi x-xhieda tal-prosekuzzjoni;

Għal dawn il-motivi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-akkużat u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-akkużat Joseph Desira li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza minnu appellata billi tikkonfermaha dwar l-akkoljiment tal-provi in difesa u tirrevokaha għall-kumplament billi minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu *fuq punt legali u* jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

Huwa jissottometti kwantu jirrigwarda n-nuqqas ta' indikazzjoni ta' l-isem tal-persuna li mietet, fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża, li l-Qorti Kriminali ħarset lejn it-titolu tal-liġi qabel l-artikoli 311 u 312 tal-Kodiċi Kriminali aktar milli kkunsidrat dak li hemm fit-test tal-liġi. L-appellant jissottometti li l-fatt li jmut bniedem huwa element essenzjali u differenzjali - Għalhekk il-mejjet għandu jkollu *isem u kunjom u identita`. Għalhekk huwa dmir ta'* l-Avukat Ġenerali li jniżżlu fl-att ta' l-akkuża;

L-appellant jissottometti wkoll li ma kienx daqstant importanti li jiġi nnotat li hawn si tratta ta' reati kontra s-sigurta` pubblika, għaliex anke jekk wieħed jara dak li tgħid il-liġi fir-rigward tad-delitt ta' l-omiċidju volontarju, hemm ukoll it-terminu ġeneriku ta' "mewt ta' persuna" - għalhekk m'hemm ebda raġuni għala m'għandux ikun hemm indikat l-identita` tal-mejjet fl-att ta' l-akkuża;

L-appellant *jissottometti inoltre li l-istess japplika dwar il-*kompliċi. Hawn si tratta ta' fatti u dettalji magħrufa għall-prosekuzzjoni għaliex *huma parti* mill-fatt. Kieku l-ismijiet ma kinux magħrufa, allura l-prosekuzzjoni kienet tkun intitolata li taqbeż tali ismijiet;

Essenzjalment dak li qed jissottometti l-appellant hu fis-sens li skond hu l-vittma qatt ma tista' tkun l-awtur ta' l-istess reat u għalhekk m'hemmx sens li l-ewwel Kap għandu jibqa' kif inhu;

Skond l-appellant dan imur ukoll kontra l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem peress li kontrarjament għal dak li jirrikjedi l-istess artikolu, l-appellant mhux qed jiġi infurmat bid-dettal tar-reat;

Ikksundirat:

Taħt l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża, l-appellant qed jiġi akkużat taħt l-artikoli 311 u 312 tal-Kodiċi Kriminali li hu reat ta' min dolożament, b'sustanza esplossiva, jagħmel esplożjoni li tista' tqiegħed f'periklu l-ħajja ta' ħaddieħor jew tagħmel ħsara gravi lill-ħwejjeġ ħaddieħor u effettivament persuna titlef ħajjitha u tkun saret tħassir, ħsara u tgħarriq serju fi proprjeta' mobbli u immobbli ta' xi persuna;

Dan ir-reat bħal oħrajn li jinsabu fis-sub-titolu IV tat-Taqsima II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali huwa deskritt mill-istess Kodiċi bħala wieħed mid-delitti kontra s-sigurta' pubblika u fuq ħsarat fil-proprjeta';

Mill-kliem ta' l-artikolu 311 u speċjalment il-kliem "ħajja ta' ħaddieħor" u "ħwejjeġ ħaddieħor" jidher ċar li hu irrilevanti għal-liġi jekk dak il-ħaddieħor kien ko-awtur jew kompliċi. F'dan, din il-Qorti tinsab anke ikkonfortata b'dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 312 tal-Kap. 9 u ċjoe' li dak li jinteressa lil-liġi hu li "persuna titlef ħajjitha" u/jew li ssir ħsara "f'xi proprjeta' mobbli jew immobbli ta' xi persuna"

Dan stabbilit u kkunsidrat li hawn si tratta ta' delitt kontra s-sigurta' pubblika u ħsarat fil-proprjeta', din il-Qorti frankament ma tarax x'validita' jista' jkollha s-sottomissjoni ta' l-appellant li

hemm differenza jekk il-mejjet jiġi indikat b'ismu jew le għax dak li hu relevanti għal-liġi mhux min safa maqtul jew iddanneġġjat fi ħwejġu, iżda li xi ħadd, kien min kien, safa maqtul jew hekk iddanneġġjat fil-proprjeta' tiegħu liema prova tispetta lill-prosekuzzjoni;

M'hemmx dubbju li l-indikazzjoni ta' l-identita' tal-vittma kienet tkun ħafna aktar desiderabbli pero' n-nuqqas relattiv ta' tali indikazzjoni ma jġibx in-nullita' tal-kap ta' l-att ta' l-akkuża għax dak li tirrikjedi l-liġi li għandu jiġi indikat u ċjoe' li bl-esplożjoni ġrat il-mewt ta' xi ħadd u saret ħsara fil-proprjeta' ta' xi ħadd, jinsab indikat. Imbagħad tibqa' biss kwistjoni ta' prova;

Ikkunsidrat:

It-tieni eċċezzjoni ta' l-appellant deċiża mill-ewwel Qorti tinsab essenzjalment diġa' deċiża fil-paragrafi ta' qabel dan. Infatti l-appellant jidhirlu li l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża ma jissussistix ukoll peress li l-persuna mejta hija l-istess allegat ko-awtur tad-delitt;

Anke hawn għar-raġunijiet li diġa' ngħadu, l-appellant m'għandux raġun. Inoltre pero' jiżdied li min qed jiġi akkużat huwa l-appellant li ma mietx hu, u qed jiġi akkużat li bl-aġir tiegħu ċjoe' bl-esplożjoni, ikkawża l-mewt ta' terz. Kienx kompliċi, ko-awtur jew kompletament aljen għall-esplożjoni, dak ix-xi ħaddieħor, huwa kompletament irrilevanti għall-fini ta' l-akkuża dedotta;

Ikkunsidrat:

Kwantu jirrigwarda t-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuża, l-appellant

kien issottometta lill-ewwel Qorti li r-reat dedott kontrih ma jeżistix peress li l-post li nħaraq ma jaqax taħt id-definizzjoni tal-liġi li tipprevedi tali reat. Effettivament din kienet it-tielet eċċezzjoni ta' l-appellant;

L-akkuża relevanti hija dedotta taħt l-artikolu 316 tal-Kap. 9 li jirreferi għal "dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni , bastiment, baċil jew bini ieħor, għarix jew xi lok ieħor";

Fil-kap relattiv, l-Avukat Ġenerali jirreferi għal "żewġt ikmamar u dura". Din il-Qorti, mhux ser tgħid dan jidħolx almenu *prima facie* fid-deskrizzjoni rikjesta mill-artikolu 316, pero' ċertament mhux il-każ, *prima facie*, li tiddeċidi li żgur ma jinkwadrax u jidħrilha li trattandosi ta' kwistjoni ta' fatt li mhux eskluża a priori bla dubbju ta' xejn, għandha titħalla għall-ġurati biex jiddeċiduha;

L-appellant affaċċjat proprju b'din il-konsiderazzjoni fil-kors tat-trattazzjoni, issottometta li din il-Qorti kellha tħares mhux biss lejn l-istruttura iżda wkoll lejn il-previdenza jekk kienx hemm nies jew le fil-post;

Apparti li pero' dan ma kienx jikkonfigura fl-eċċezzjoni kif mogħtija u deċiża fi prim'istanza, din il-Qorti tara li din il-previdenza, għall-fini ta' dan il-kap ta' l-att ta' l-akkuża hija rrilevanti għaliex għall-fini ta' l-artikolu 316 ix-xjenza jew il-prevedibilita' tal-presenza ta' persuna fil-fond/post maħruq jista' jkollha rilevanza biss għall-fini ta' piena iżda mhux ta' validita' ta' l-att ta' l-akkuża - Dan joħroġ mill-istess artikolu 316 (*proviso*);

Fit-trattazzjoni l-appellant estenda wkoll dan l-aggravju fir-

rigward tat-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuża. Dak li ngħad diġa`, pero`, japplika wkoll għal dan il-kap li ma jistax jiġi kkunsidrat null kif qed jippretendi l-appellant;

Qabel tagħlaq, peress li l-appellant għamel riferenza għall-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, din il-Qorti tosserva li fil-fehma tagħha m'hemm assolutament xejn x'jindika li dak li qed jirreferi għalih l-appellant f'dan l-appell, jikser b'xi mod l-imsemmi artikolu. Minn imkien ma jirriżulta li l-appellant mhux qed jiġi infurmat adegwatament b'dak li qed jiġi akkużat kemm għal dak li hu l-aspett attwali, kif ukoll dak legali, ċjoe` x'reat hu allegat li ġie kommess;

Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tirrimetti l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.